



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.10.2014
COM(2014) 686 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-istrumenti finanzjarji sostnuti mill-baġit ġenerali skont l-Artikolu 140.8 tar-
Regolament Finanzjarju mill-31 ta' Diċembru 2013**

{SWD(2014) 335 final}

Werrej

DAĦLA	3
I. INTRODUEZZJONI	4
II. INFORMAZZJONI DWAR L-ISTRUMENTI FINANZJARJI	4
1. Strumenti ta' ekwità:.....	5
2. Strumenti ta' garanzija:	6
3. Strument tal-kondiviżjoni tar-riskju:.....	8
Veikolu ta' investiment dedikat:.....	10
4. Strumenti Finanzjarji fil-Pajjiżi tat-Tkabbir:.....	13
5. Strumenti finanzjarji fil-Pajjiżi tal-Viċinat u Pajjiżi koperti mill-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp:	18
III. KONKLUŻJONI	21

DAĦLA

Il-Kummissjoni tippreżenta dan ir-rapport dwar l-Istrumenti Finanzjarji kollha mmaniġġjati ċentralment għall-politiki tal-Unjoni interni u esterni sostnuti mill-baġit ġenerali skont l-Artikolu 140(8) tar-Regolament Finanzjarju mill-31 ta' Diċembru 2013.

Strumenti finanzjarji, inkluż selfiet jew garanziji b'kapacià ta' riskju akbar, jirrappreżentaw mod intelliġenti kif tiġi ffinanzjata l-ekonomija reali, u tingħtata spinta lit-tkabbir u l-impjiegi. Dawn jistgħu jiksbu *ingranaġġ finanzjarju* (billi jimmultiplikaw ir-riżorsi baġitarji skarsi billi jattiraw fondi privati u pubbliċi biex isostnu l-oġġettivi tal-politika tal-UE), *ingranaġġ ta' politika* (billi jinċentivaw l-entitajiet fdati u l-intermedjarji finanzjarji biex isegwu l-oġġettivi tal-politika tal-UE billi jallinjaw l-interess), u *ingranaġġ istituzzjonali* (billi jibbenefikaw mill-għarfien espert tal-atturi involuti fil-katina tal-implimentazzjoni). Barra minn hekk dawn l-istrumenti, implimentati bi sħubija ma' istituzzjonijiet pubbliċi u privati, jindirizzaw in-nuqqasijiet tas-suq fil-provvista ta' finanzjament estern (pereż. għall-SMEs) u tiġi evitata kwalunkwe esklużjoni tal-finanzjament privat.

Inkisbu riżultati importanti permezz tal-użu ta' Strumenti Finanzjarji fis-snin 2007-2013, u dawn se jaqdu rwol saħansitra aktar sinifikanti fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 (QFP). L-awtoritajiet baġitarji esprimew l-impenn politiku tagħhom u żiedu r-riżorsi meħtieġa. Barra minn hekk, ir-Regolament Finanzjarju ġie estiż b'kapitolu dedikat, li jistabbilixxi qafas regolatorju xieraq għat-tfassil, l-immaniġġjar u r-rappurtar tal-Istrumenti Finanzjarji.

Dan ir-rapport huwa l-ewwel wieħed li tħejja skont ir-rekwiżiti l-ġodda tar-Regolament Finanzjarju. Huwa ppjanat li jipprovdi ħarsa ġenerali informattiva dwar kif intużaw flus il-kontribwenti u dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Istrumenti Finanzjarji mill-31 ta' Diċembru 2013.

I. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport ikopri l-istrumenti finanzjarji tal-UE mmaniġġjati ċentralment kemm fl-oqsma ta' politika interni kif ukoll esterni tal-Unjoni. Peress li dan huwa l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu li sar skont ir-Regolament Finanzjarju rivedut, jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn il-progress li sar s'issa fl-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji, b'mod li tiġi żgurata t-trasparenza u r-responsabilizzazzjoni għal flus il-kontribwenti użati. Ir-rapport juri li l-Istrumenti Finanzjarji mmaniġġjati ċentralment kisbu effett ta' ingranaġġ sostanzjali, u juri fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli attwalment kif l-istrumenti kkontribwew għall-oġettivi tagħhom.

Ir-rapport huwa kkumplementat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ("l-SWD"), inklużi r-raġunijiet għall-istrumenti finanzjarji kif ukoll kapitoli dwar gruppi ta' mira strateġiċi, setturi u reġjuni li mhumex fl-UE. L-SWD jipprovdi sett ta' tabelli ddettaljati u informazzjoni speċifika dwar l-istrumenti finanzjarji implimentati b'immaniġġjar dirett u indirett kemm għall-perjodu 2007-2013 kif ukoll għall-perjodu 2014-2020. L-istrumenti implimentati mill-Istati Membri b'immaniġġjar konġunt huma soġġetti għal rappurtar separat.

Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li ssawwar dan ir-rapport f'għodda dinamika għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u għalhekk se teżamina kif tista' ssaħħu u/jew tadattah aktar b'reazzjoni għall-iżviluppi tas-suq, l-informazzjoni miksuba mill-implimentazzjoni u r-reazzjonijiet li waslu.

II. INFORMAZZJONI DWAR L-ISTRUMENTI FINANZJARJI

L-iskedi li ġejjin jipprovdu sommarju tal-informazzjoni disponibbli fuq kull waħda mit-12-il partita kif meħtieġ mill-Artikolu 140(8) tar-Regolament Finanzjarju għall-istrumenti finanzjarji bid-data ta' referenza tal-31 ta' Diċembru 2013. Rappurtar dwar l-attivitajiet tal-istrumenti finanzjarji taħt il-QFP 2014-2020 se jsir is-sena d-dieħla meta jiġu rrappurtati l-attivitajiet mill-31 ta' Diċembru 2014.

Qed jiġi wkoll innotat li billi l-partita k) tal-Artikolu 140(8) tar-Regolament Finanzjarju titlob tqabbil bejn l-ingranaġġ fil-mira u dak miksub, il-biċċa l-kbira tal-Istrumenti Finanzjarji tal-QFP 2007-2013 ma jipprevedux effetti ta' ingranaġġ fil-mira. L-informazzjoni hija għalhekk limitata għall-ingranaġġ miksub, li l-kalkolu tiegħu huwa deskritt fit-taqsima rilevanti tal-SWD.¹ F'ħafna każijiet, l-ingranaġġ miksub huwa ċifra intermedja, filwaqt li l-ingranaġġ totali miksub se jkun oġġla b'mod sinifikanti.

¹ L-RF/RAP attwali jeħtieġ li jsir rappurtar dwar l-ingranaġġ, bl-applikazzjoni ta' approċċ unifikat. Peress li l-Artikoli relatati mal-istrumenti finanzjarji daħlu fis-seħħ f'Jannar 2014, l-approċċ se jiġi applikat b'referenza għall-istrumenti finanzjarji tal-2014-2020.

1. Strumenti ta' ekwità:

II-Faċilità għall-SMEs Innovattivi u b'Rata Għolja ta' Tkabbir taħt is-CIP (10.1 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: DĠ ENTR u ECFIN
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE
b) Deskrizzjoni	Strument ta' ekwità biex tiżdied il-provvista tal-ekwità għall-SMEs innovattivi fl-istadji bikrija jew f'espansjoni
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	FEI
d) Impenni baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 625,197 m EUR 338,931 m
e) Prestazzjoni	Ftehimiet iffirmati ma' 41 Fond ta' Kapital ta' Riskju, 349 riċevituri finali meġhuna. Impatt miksub: mhux applikabbli
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Aktar minn 90 % użati mill-ġdid għal tranżazzjonijiet oħra
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	EUR 117,342 m
h) Dħul u ripagamenti	Dħul: EUR 19,474 m
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	EUR 141,4 m
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Telf minn indeboliment: EUR 2,687 m
k) Effett ta' ingranaġġ	Miksub: 5,3
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika	Żieda fil-provvista tal-ekwità: sostenn ta' EUR 2,768 biljun fid-daqs totali ta' fondi li jinvestu f'SMEs innovattivi

2. Strumenti ta' garanzija:

	Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs skont is-CIP (11.1 SWD) Id-DĠ ta' politika responsabbli: DĠ ENTR u ECFIN	Garanzija Mikrofinanzjarja tal-Progress Ewropew (11.2 SWD) Id-DĠ ta' politika responsabbli: DĠ ENTR u ECFIN	L-Istrument għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSI) (11.5 SWD) Id-DĠ ta' politika responsabbli: DĠ RTD
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE	Id-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE.	Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE; Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE
b) Deskrizzjoni	Strument ta' garanzija biex jitjieb l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi	Strument ta' garanzija biex jitjieb l-aċċess għall-mikrofinanzjament	Strument ta' garanzija biex jitjieb l-aċċess għall-SMEs innovattivi u l-kumpaniji żgħira b'kapital medju
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	FEI	FEI	FEI
d) Impenni baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 649,9 m EUR 259,7 m	EUR 23,8 m EUR 17,5 m	EUR 270 m EUR 270 m
e) Prestazzjoni	311 633 SME u 1 094 609 impjegat mejgħuna. Impatt miksub ta' EUR 16 100,10 m	6 716-il mikroselfa u 8 684 impjegat mejgħuna. Impatt miksub ta' EUR 165,74 m	602 it-tranżazzjonijiet ta' SME li jammontaw għal EUR 374,8 miljun huma diġà impenjati għar-riċevituri ahharja. Impatt miksub ta' EUR 9 000,00 m
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Aktar minn 60 % użati mill-ġdid għal tranżazzjonijiet oħra	L-ammont kollu użat mill-ġdid għal tranżazzjonijiet oħra	Mhux applikabbli

g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	EUR 126,016 m	EUR 15,125 m	EUR 275,9 m
h) Dħul u ripagamenti	EUR 12,089 m	EUR 0,206 m	Dħul: EUR 0,502 m
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Mhux applikabbli (strument ta' garanzija)	Mhux applikabbli (strument ta' garanzija)	Mhux applikabbli (strument ta' garanzija)
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	EUR 116,55 m	EUR 1,349 m	EUR 12,565 m kemm għall-RSI kif ukoll għall-RSFF
k) Effett ta' ingranaġġ	Miksub: 31	Miksub: 4,8 (kif speċifikat fl-SWD)	Miksub: 5
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika	Jittejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament: selfjet ġodda appoġġjati: 16,1 biljun	Jittejjeb l-aċċess għall-mikrofinanzjament: selfjet ġodda appoġġjati: 68 m	

3. Strument tal-kondiviżjoni tar-riskju:

Faċilità għall-Kondiviżjoni tar-Riskji Finanzjarji (12.1 SWD)	(DĠ ta' politika responsabbli: DĠ RTD)
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE; Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE
b) Deskrizzjoni	strument tal-kondiviżjoni tar-riskji (dejn) biex jitlejjeb l-aċċess għall-finanzjament ta' riskju għal proġetti R&I (ditti kbar, kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, eċċ.)
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	BEI
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 960,73 m EUR 960,73 m
e) Prestazzjoni	117-il operazzjoni ta' self R&I u 98 operazzjoni żborżata (EUR 9,556 biljun). Impatt miksub ta' EUR 10 000,00 m
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Mhux applikabbli
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	EUR 1,307,753 m
h) Dħul u ripagamenti	Dħul: EUR 95,03 m
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Mhux applikabbli
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Ara RSI hawn fuq
k) Effett ta' ingranaġġ	Miksub: 10-11
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika	Jitlejjeb l-aċċess għall-finanzjament ta' riskju: ammont ta' selfiet ġodda appoġġjati: EUR 11,313 biljun għal proġetti ta' R&I

L-Istrument ta' Garanzija tas-Self għal Proġetti tan-Netzwerk tat-Trasport Trans Ewropew (12.2 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: DĠ MOVE
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007; Ir-Regolament (UE) Nru 670/2012
b) Deskrizzjoni	L-istrument għall-kondiviżjoni tar-riskju (dejn) biex jappoġġja l-finanzjament ta' proġetti fl-infrastruttura tat-

	trasport
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	BEI
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 250 m EUR 155 m + 6,88 m (introjtu nett)
e) Prestazzjoni	Garanziji għal sitt (6) proġetti TEN-T permezz ta' garanziji LGTT totali ta' EUR 497 m Impatt miksub ta' EUR 4 000,00 m
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	100 % użati għall-istrument
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	EUR 163 m
h) Dħul u ripagamenti	Dħul: EUR 13,988 m
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Mhux applikabbli
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Ma kienu rreġistrati l-ebda indebolimenti sal-31.12.2013
k) Effett ta' ingranaġġ	259 (kalkulat skont – ara l-SWD)
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika	Appoġġ għall-finanzjament ta' proġetti fl-infrastruttura tat-trasport: proġetti ġodda appoġġati b'kost kapitali akkumulat ta' EUR 11,716-il biljun

Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti – Fażi Pilota (12.3 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: DĠ MOVE, ENER, CNECT
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament (UE) Nru 670/2012
b) Deskrizzjoni	Strument għall-kondiviżjoni tar-riskju biex jistimula l-finanzjament mis-suq kapitali għall-proġetti infrastrutturali (it-trasport, l-enerġija u l-broadband)
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	BEI
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 230 m EUR 67 m
e) Prestazzjoni	Operazzjoni tal-IBP waħda fis-settur tat-TEN-E diġà laħqet l-għeluq finanzjarju bid-daqs tat-tisħiħ fil-kreditu tal-bonds tal-proġett ta' EUR 54,9 m. Impatt miksub ta' EUR 536,58 m
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	L-ebda ammont għadu ma ġie ritornat
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	EUR 68,8 m

h) Dħul u ripagamenti	Dħul: EUR 1,9 m
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Mhux applikabbli
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Ma kienu rreġistrati l-ebda indebolimenti sal-31.12.2013
k) Effett ta' ingranaġġ	40 (kalkulat skont – ara l-SWD)
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika	Stimulazzjoni tal-finanzjament mis-suq kapitali għall-proġetti infrastrutturali: Appoġġ għal proġett b'daqs ta' EUR 421 m.

Veikolu ta' investiment dedikat:

II-Mikrofinanzjament Ewropew għall-Progress – FCP-FIS) taħy EPMF (13.1 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: DĠ ENTR u ECFIN
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Id-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE
b) Deskrizzjoni	Il-Fond huwa, sjieda konġunta mhux inkorporata ta' titoli u assi eliġibbli oħrajn; bl-għan li jżied l-aċċess għall-mikrofinanzjament / id-disponibilità ta' prodotti
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	FEI (kumpanija tal-maniġment), il-BEI (koinvestitur)
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 80 m EUR 63,43 m
e) Prestazzjoni	7 134-il mikroselva u 11 487 impjegat mejgħuna. Impatt miksub ta' EUR 158,60 m
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Mhux applikabbli
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	Mhux applikabbli (ma hemmx kont fiduċjarju)
h) Dħul u ripagamenti	Mhux disponibbli (DIV)
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Mhux disponibbli (DIV)
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Mhux disponibbli
k) Effett ta' ingranaġġ	1,54 (kalkulat skont – ara l-SWD)
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika	Jizied l-aċċess għall-mikroinvestiment: appoġġ għal volum ta' mikroselvet ġodda ta' EUR 64,9 m

II-Fond Ewropew/Marguerite tal-2020 (13.2 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: DĠ ENTR u ECFIN
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007

b) Deskrizzjoni	Fond tal-ekwità Pan-Ewropew bl-għan li jappoġġja investiment fl-infrastruttura fit-tul b'suċċess fl-Ewropa fi ħdan is-setturi tat-trasport, l-enerġija u l-enerġija rinnovabbli
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	(struttura SICAV-FIS); sponseri ewlenin: CDC (Franza), CdP (l-Italja), KfW, ICO (Spanja), PKO (il-Polonja) u l-BEI
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 80 m EUR 28,52 m
e) Prestazzjoni	Impenn biex isir investiment f'żewġ proġetti tat-trasport TEN-T u f'seba' (7) proġetti fis-settur tal-enerġija rinnovabbli, b'ekwità totali li tammonta għal EUR 285 m Impatt miksub mhux applikabbli
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Mhux applikabbli
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	Mhux applikabbli (ma hemmx kont fiduċjarju)
h) Dħul u ripagamenti	Ma saret l-ebda distribuzzjoni sal-31/12/2013
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Il-valur ġust ta' sehem il-Kummissjoni: EUR 29,405 m
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Mhux disponibbli
k) Effett ta' ingranaġġ	158 (kalkulat skont – ara l-SWD)
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika	Appoġġ għall-investiment ta' terminu twil fl-infrastruttura: l-impenn totali f'ekwità ta' EUR 285 m li jappoġġja kost kapitali totali ta' proġetti ta' EUR 4,511-il biljun

Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika (13.3 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: DĠ ENER
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2010
b) Deskrizzjoni	Fond ta' investiment speċjalizzat (SICAV) li jinvesti fi proġetti b'effiċjenza enerġetika, tal-enerġija rinnovabbli u trasport urban nadif
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	BEI (entità fdata), Deutsche Bank (maniġer tal-investiment)
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 146,3 m EUR 55,8 m
e) Prestazzjoni	EUR 219-il miljun kienu allokati għal proġetti u EUR 17,7 m kienu allokati bħala assistenza teknika b'sostenn għal servizzi ta' żvilupp ta' proġetti

	Impatt miksub ta' EUR 265,00 m
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Mhux disponibbli
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	Kont fiduċjarju tal-Fond: EUR 25 m Kont Fiduċjarju għall-Assistenza Teknika: EUR 1,01 m
h) Dħul u ripagamenti	Għadu mhux disponibbli
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Mhux disponibbli
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Mhux disponibbli
k) Effett ta' ingranaġġ	2,84 (attwali) u 9 (previsti) (kalkulati bħala – ara l-SWD)
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika	B'appoġġ għall-investiment fis-setturi strateġiċi: EUR 219 m ġew allokati għal proġetti

4. Strumenti Finanzjarji fil-Pajjiżi tat-Tkabbir:

Il-Faċilità ta' Garanzija skont l-EDIF tal-Bank Dinji² (14.1 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: Id-DĠ ELARG
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006
b) Deskrizzjoni	Strument ta' garanzija biex <u>jinħolqu l-prekondizzjonijiet biex ifeġġu u għat-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi u b'potenzjal kbir</u>
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	FEI
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 21,9 m EUR 21,9 m
e) Prestazzjoni	Tliet ftehimiet operazzjonali ffirmati mal-banek li issa jinsabu f'fażi tal-bini tal-portafoll Impatt miksub mhux applikabbli
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Mhux applikabbli
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	EUR 21,2 m
h) Dħul u ripagamenti	Għadu mhux disponibbli
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Mhux applikabbli
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Mhux applikabbli
k) Effett ta' ingranaġġ	mira ta' 5,5 (kif kalkulat fl-SWD)
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika	Maħsuba biex jiġu mmobilizzati aktar minn EUR 110 m f'selfiet ġodda għall-SMEs

Il-Fund għall-Espansjoni tal-Intrapriżi skont l-EDIF tal-Bank Dinji³ (14.2 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: Id-DĠ ELARG
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006
b) Deskrizzjoni	Strument tal-ekwità li jiffinanzja l-iżvilupp u l-espansjoni tal-kapital f'SMEs stabbiliti fil-Balkani tal-Punent
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	FEI (fiduċjarju), BERŻ/DEG

² Il-Faċilità tal-Iżvilupp u l-Innovazzjoni tal-Intrapriżi tal-Balkani tal-Punent

³ Il-Faċilità tal-Iżvilupp u l-Innovazzjoni tal-Intrapriżi tal-Balkani tal-Punent

d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 11 m EUR 10,4 m
e) Prestazzjoni	L-ewwel għeluq formali tal-Fond u t-tnedija tal-attività huma mistennija jseħħu fl-2014 Impatt miksub: mhux applikabbli
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Mhux applikabbli
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	EUR 10,4 m
h) Dħul u ripagamenti	Għadu mhux disponibbli
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Għadu mhux applikabbli
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Mhux applikabbli
k) Effett ta' ingranaġġ	mira ta' 10 (kif kalkulat fl-SWD)
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika	Maħsub li joħloq portafoll ta' investiment b'mira kapitali ta' EUR 55 m, potenzjalment assoċjati ma' faċilità ta' kofinanzjament ta' BERŻ (1: 1).

Il-Fund għall-Innovazzjoni tal-Intrapriżi skont l-EDIF tal-Bank Dinji⁴ (14.3 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: Id-DĠ ELARG
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006
b) Deskrizzjoni	Strument ta' ekwità ta' finanzjament ta' SMEs innovattivi fi stadju bikri stabbiliti fil-Balkani tal-Punent
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	FEI (fiduċjarju), BERŻ/KfW
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 21,2 m EUR 21,2 m
e) Prestazzjoni	L-ENIF huwa mistenni jiġi inkorporat fl-2014 Impatt miksub mhux applikabbli
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Mhux applikabbli
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	EUR 21,2 m
h) Dħul u ripagamenti	Mhux applikabbli
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Għadu mhux applikabbli
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Mhux disponibbli

⁴ Il-Faċilità tal-Iżvilupp u l-Innovazzjoni tal-Intrapriżi tal-Balkani tal-Punent

k) Effett ta' ingranaġġ	mira ta' 2 (kif kalkulat fl-SWD)
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-obiettivi ta' politika	Maħsub li jappoġġja investiment totali ta' EUR 40 m

Il-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (14.4 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: Id-DĠ ELARG
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006
b) Deskrizzjoni	Sħubija pubblika privata biex tgħin l-iżvilupp tas-settur privat fir-reġjun
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	FEI (fiduċjarju)
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 26,2 m EUR 26,03 m
e) Prestazzjoni	L-ammont ta' EUR 83,9 m ingrana investiment totali ta' EUR 580 m Impatt miksub mhux applikabbli
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Mhux applikabbli
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	Mhux disponibbli
h) Dħul u ripagamenti	Mhux disponibbli
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Il-valur tas-suq ta' sehem il-Kummissjoni: EUR 110,9 m
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Mhux applikabbli
k) Effett ta' ingranaġġ	7 (kif kalkulat fl-SWD)
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-obiettivi ta' politika	Appoġġ għal investiment ġdid totali ta' EUR 580 m

Il-Fond Green for Growth (14.5 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: Id-DĠ ELARG
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006
b) Deskrizzjoni	Fond innovattiv biex jipprovdi finanzjament għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	BEI, KfW, BERŻ huma l-koinvestituri ewlenin
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 19,6 m EUR 19,6 m
e) Prestazzjoni	EUR 129,4 m ġew distribwiti lil intermedjarji finanzjarji

	permezz ta' self prijoritarju u self subordinat. Barra minn hekk ġew approvati EUR 58,4 m f'investimenti Impatt miksub mhux applikabbli
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Dħul riinvestit skont l-istess kriterji għall-kontribuzzjoni inizjali tal-baġit
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	Mhux applikabbli
h) Dħul u ripagamenti	Mhux applikabbli
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Fil-valur tas-suq: EUR 39,2 m ⁵
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Mhux disponibbli
k) Effett ta' ingranaġġ	mira ta' 5 (kif kalkulat fl-SWD)
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika	Maħsub li jappoġġja investiment totali ta' EUR 200 m

Self ta' Sostenn għall-Irkupru tal-SMEs lit-Turkija (14.6 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: Id-DĠ ELARG
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006
b) Deskrizzjoni	Strument biex jimmitiga l-impatt tal-kriżi u jappoġġja lill-SMEs b'investimenti produttivi konkreti
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	Il-BEI, Halkbank, Akbank
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 30 m EUR 30 m
e) Prestazzjoni	L-ammont ta' EUR 30,0 m ingrana investiment totali ta' madwar EUR 150 m Impatt miksub ta' EUR 150,00 m
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Dħul riinvestit skont l-istess kriterji għall-kontribuzzjoni inizjali tal-baġit
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	Mhux applikabbli
h) Dħul u ripagamenti	Mhux applikabbli
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Fil-valur tas-suq: EUR 39,2 m ⁶
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Mhux disponibbli
k) Effett ta' ingranaġġ	5 (kalkulat fl-SWD)

⁵ Il-pakkett finanzjarju kollu tal-istrument jammonta għal EUR 38,6 m.

⁶ Il-pakkett finanzjarju kollu tal-istrument jammonta għal EUR 38,6 m.

l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-objettivi ta' politika	Il-265 selfa allokat i inizjalment kienu mistennija jgħolqu 4 881 impjieg ġdid, li jirrappreżentaw żieda ta' 42 % fl-għadd ta' impjieg eżistenti fl-SMEs benefiċjarji
--	---

5. Strumenti finanzjarji fil-Pajjiżi tal-Viċinat u Pajjiżi koperti mill-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp:

Il-Faċilità tal-Investment tal-Viċinat (15.1 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: DĠ DEVCO
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006
b) Deskrizzjoni	Strument li jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-PEV u biex jimmobilizza investimenti addizzjonali
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	Il-BEI, l-BERŻ, is-CEB, in-NIB, l-AFD, l-AECID, il-KfW, is-SIMEST
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 789,4 m EUR 422,5 m
e) Prestazzjoni	Abbażi tal-ammont ta' EUR 164 m ta' kontribuzzjonijiet mill-Unjoni approvati matul l-2013, il-volum totali tal-investimenti mobilizzati irriżulta f'investimenti ta' aktar minn EUR 2,4 biljun
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Applikabbli mill-2015
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	L-ebda kont fiduċjarju separat stabbilit
h) Dħul u ripagamenti	Mhux applikabbli
i) Valur tal-investimenti ta' ekwiżità	Fil-valur tas-suq: Fondi SANAD: USD 10 m; Fond EFSE-SICAV: EUR 5,1 m
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Mhux disponibbli
k) Effett ta' ingranaġġ	27,6 (kif kalkulat fl-SWD)
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika	Appoġġ għall-kost totali tal-proġetti ta' EUR 20,8 biljun u l-kontribuzzjoni tal-Unjoni ta' EUR 753 m

Faċilità ta' Investment għall-Asja Ċentrali u Faċilità ta' Investment Asjatika (15.2 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: DĠ DEVCO
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006
b) Deskrizzjoni	Strument biex jippromwovi investimenti addizzjonali u infrastrutturi ewlenin (enerġija, ambjent)
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	BEI, BERŻ, AFD, KfW, SIMEST
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 145,6 m

	EUR 31 m
e) Prestazzjoni	Il-kontribuzzjonijiet IFCA ammontaw għal EUR 64 m li appoġġjaw 11-il proġett b'kost totali ta' EUR 425 m; Il-kontribuzzjonijiet IFCA ammontaw għal EUR 36 m li appoġġjaw tmien (8) proġetti b'kost totali ta' EUR 889 m;
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Applikabbli mill-2015
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	Mhux disponibbli
h) Dħul u ripagamenti	Mhux applikabbli
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Fond MIFA: USD 9,3 miljun (ishma C2 u C3)
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Mhux applikabbli
k) Effett ta' ingranaġġ	IFCA: madwar 6,6 AIF: madwar 25 (kif kalkulat fl-SWD)
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika	Skont IFCA: appoġġ ta' EUR 425 m f'finanzjament minn EFIs u investituri oħrajn; Skont AIF: Appoġġ ta' EUR 889 m f'finanzjament minn EFIs u investituri oħrajn;

Il-Faċilità tal-Investment tal-Amerika Latina (15.3 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: DĠ DEVCO
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006
b) Deskrizzjoni	Strument biex jippromwovi investimenti addizzjonali u infrastrutturi ewlenin (pereż. trasport, enerġija, eċċ)
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	BEI, NIB, AFD, AECID, eċċ.
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 196,7 m EUR 78,9 m
e) Prestazzjoni	25 proġett ġew approvati, li jirrappreżentaw kontribuzzjoni totali mil-LAIF ta' EUR 189,6 m. L-ammont totali tal-investimenti kien ta' EUR 5,5 biljun
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Mhux disponibbli
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	EUR 5,9 m
h) Dħul u ripagamenti	Mhux disponibbli
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Mhux disponibbli
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Mhux disponibbli
k) Effett ta' ingranaġġ	29 (kif kalkulat fl-SWD)

l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-obiettivi ta' politika	Appoġġ għal investimenti addizzjonali ta' EUR 5,5 biljun fis-setturi fil-mira
--	---

Sostenn għall-Faċilità għal Sħubija ta' Investiment Ewro-Mediterranja (15.4 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: DĠ DEVCO
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006
b) Deskrizzjoni	Strument li jipprovdi kapital lis-settur privat
c) Istituzzjonijiet finanzjarji involuti	BEI
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 224 m EUR 192 m
e) Prestazzjoni	EUR 27 m ġew allokati għal 16-il operazzjoni ta' assistenza teknika; EUR 163 m ġew allokati għal 24 operazzjoni ta' kapital ta' riskju (20 m kienu kkanċellati u rritornati lill-Kummissjoni).
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Mhux applikabbli
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	EUR 75,3 m, USD 19,9 m
h) Dħul u ripagamenti	EUR 3,3 m
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Il-valur tal-Fondi ta' Kapital ta' Riskju: EUR 30,8 m
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	Indebolimenti: EUR -5,99 m
k) Effett ta' ingranaġġ	21,3 (kif kalkulat fl-SWD)
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-obiettivi ta' politika	Appoġġ għall-valur ta' finanzjament ta' EUR 4,6 biljuni permezz ta' kontribuzzjoni kumplessiva tal-Unjoni ta' EUR 224 m

Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli (15.5 SWD)	Id-DĠ ta' politika responsabbli: DĠ DEVCO
a) Att ta' identifikazzjoni/bażiku	Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006
b) Deskrizzjoni	Veikolu ta' finanzjament innovattiv bil-għan li jippromwovi l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-ekonomiji fi transizzjoni
c) Istituzzjonijiet finanzjarji	A SICAV, koinvestituri: BEI, in-Norveġja u l-Ġermanja

involuti	
d) Impenji baġitarji aggregati u pagamenti	EUR 81,1 m EUR 75 m
e) Prestazzjoni	GEEREF impenja li jinvesti madwar EUR 72 m f'fondi tal-ekwità privata reġjonali, li minnhom aktar minn EUR 18 m ġew żburżati. Dawn il-fondi sussegwentement ġew investiti fi 18-il proġett riċevitur
f) Evalwazzjoni tal-ammonti ritornati	Mhux applikabbli
g) Bilanċ ta' kont fiduċjarju	EUR 2,194 m
h) Dħul u ripagamenti	Mhux applikabbli
i) Valur tal-investimenti ta' ekwità	Il-valur tas-sehem 'A': EUR 67 m
j) Indebolimenti/garanziji eżerċitati	L-indeboliment
k) Effett ta' ingranaġġ	5 (kalkulat fl-SWD)
l) Kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika	Li jimmiraw li jimmobilizzaw madwar EUR 500 miljun f'kapital ta' ekwità għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika fl-Afrika, l-Ażja u l-Amerika Latina

III. KONKLUŻJONI

L-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati ċentralment fl-2007-2013 kienet strumentali biex tgħin jittaffew in-nuqqasijiet tas-suq finanzjarju u tingrana l-effetti pożittivi ta' azzjonijiet fl-UE kollha. Pereżempju, fil-perjodu 2007-2013, l-istrumenti finanzjarji ewlenin fil-livell tal-UE dedikati għall-appoġġ tal-SMEs (CIP-GIF, CIP-SMEG 07 u RSI) u għall-appoġġ tal-mikro-SMEs (EPMF) b'kontribuzzjoni kumplessiva (impenji tal-UE) ta' aktar minn EUR 1,6 biljun, immobilizzaw self ta' kważi EUR 17,9 biljun u sostnew ukoll investimenti ta' ekwità ta' madwar EUR 2,8 biljun, u b'hekk tejbu l-aċċess għall-finanzjament lil iktar minn 336 000 SME.

L-ingranaġġ miksub huwa ta' ħamsa (5) għall-Istrumenti tal-Ekwità, u jvarja minn 4,8 sa 31 għall-Istrumenti ta' Garanzija, minn 10 sa 259 għall-Istrumenti tal-Kondiviżjoni tar-Riskji, minn 1,54 sa 158 għall-Veikoli ta' Investiment Dedikat, minn ħamsa (5) sa seba' (7) għall-Istrumenti Finanzjarji fil-Pajjiżi tat-Tkabbir, minn ħamsa (5) sa 27,6 għall-Istrumenti Finanzjarji fil-Pajjiżi tal-Viċinat u l-Pajjiżi koperti mill-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp.

Bl-esperjenza miksuba matul l-implimentazzjoni fil-perjodu 2007-2013, u fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u l-awditi tal-programm, inkisbu għadd ta' lezzjonijiet dwar kif jistgħu jkomplu jitjiebu t-tfassil u l-immaniġġjar tal-istrumenti finanzjarji. L-aħjar prassi kienu ta' għajnuna fit-tfassil u l-immaniġġjar tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' strumenti finanzjarji. Pereżempju, l-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas għall-istrumenti finanzjarji (inklużi rekwiżiti

armonizzati dwar il-governanza, is-superviżjoni u l-kontroll) ġiet żviluppata fuq il-bażi tat- Titolu VIII il-ġdid tar-Regolament Finanzjarju. Barra minn hekk, l-Istrumenti Finanzjarji issa se jkopru t-tipi ewlenin kollha ta' riċevituri finali matul iċ-ċiklu sħiħ tal-finanzjament u se jinkludu offerta ta' strumenti kemm proċikliċi kif ukoll antiċikliċi biex jirreaġixxu b'mod flessibbli għall-ħtiġijiet tas-suq, abbażi ta' implimentazzjoni gwidata mid-domanda. Ukoll, l-effikaċja u l-effiċjenza ġew imsaħħa permezz ta' għadd iżgħar ta' strumenti b'volumi akbar li jiżguraw massa kritika b'konsistenza sħiħa mar-regoli tal-ġħajnuna mill-Istat. L-allinjament tal-interess mal-entitajiet fdati u l-intermedjarji finanzjarji se jkompli jinkiseb permezz ta' tariffi u inċentivi, u l-kondiviżjoni tar-riskji.

Peress li l-2013 hija l-aħħar sena ta' impenn għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, għal għadd ta' strumenti ma saritx evalwazzjoni finali li tivvaluta sa fejn intlaħqu l-oġettivi. Aktar informazzjoni kwalitattiva u fil-fond dwar il-kisba tal-oġettivi se tkun disponibbli fi żmien sena u se tkun rappurtata kif xieraq.